**Dar Żerniq**

Solitudni, separazzjoni, qagħad, mard mentali, tensjoni, xogħol ta' ħafna responsabbilta` u stress ... Dawn huma ftit mis-sitwazzjonijiet fil-ħajja ta' kuljum li jistgħu jwasslu lil xi ħadd biex jirrikorri għall-abbuż tal-alkoħol.

Madanakollu, nistgħu nħarsu lejn din il-kwistjoni b'mod differenti ...

Dawn il-fatturi wasslu għax-xorb żejjed, jew ix-xorb żejjed wassal għal uħud minn dawn il-konsegwenzi?

**Il-ħajja kkumplikata ta' persuna bil-vizzju tax-xorb**

Meta Joseph* (isem fittizju) kien għadu tifel żgħir, spiss kien jara lil missieru jiġi mix-xogħol, u l-ewwel ħaġa li jagħmel kienet li jiftaħ flixkun inbid u jnizżlu f'kemm trodd salib. Ġieli kien hemm drabi fejn mhux litru jew tnejn kien jixrob, u il-qiegħa tibda tisħon. Il-fatt li Joseph u ħutu kienu fuq tagħhom u nebbiexa, kien jinkorla lil missierhom u mhux darba jew tnejn li s-serata kienet tispiċċa bl-għajjat, ġlied u storbju, u l-agħar li kienet tmur kienet omm Joseph. Biż-żmien Joseph tgħallem li jaqbillu jitlaq 'il barra mid-dar qabel jiġi l-inkwiet u beda jagħmilha ma' klikka ta' ġuvintur akbar minnu. Ħaduha drawwa jiskartaw l-iskola u minflok imorru jixorbu xi tazza nbid u jittantaw ix-xemx għaddejja.

Joseph beda jikber, telaq mill-iskola ta' sittax-il sena bla ebda kwalifika, sab xogħol u ta' 21 sena iżżewweġ lil Grace* (isem fittizju). Ta' 27 sena kien missier ta' tliet ulied. Għalkemm fi ċkunitu min jaf kemm-il darba qal li ma jridx ikun bħal missieru, il-piż tal-familja beda jħossu qed jitqal. Wara x-xogħol kien jieqaf sal-każin jixrob. Meta kien jasal id-dar kien ikun ġa xurban. Il-mara kienet turih li mhux qed tieħu pjaċir li jmur id-dar f'dak l-istat. Dejjem kien jgħidilha biex ma tgħaġġibhomx, biex tħallih fil-paċi u ma ttaqqablux moħħu bil-paroli tagħha; "*B'mara bħalek mhux bilfors immur nixrob*!!!".

Għalkemm il-vizzju tax-xorb beda dieħel sew fil-ħajja ta' Joseph, xorta irnexxielu jżomm l-impieg tiegħu sa ma darba mar għax-xogħol wara li kien għamel lejl jixrob u kellu inċident. L-imgħallem tiegħu kien wissieh drabi oħra biex ma jmurx għax-xogħol f'dak l-istat, iżda dejjem reġa tah ċans ieħor b'rispett ta' martu u wliedu. Din id-darba pero` weġġgħu ħaddiema oħra u l-imgħallem ma kellux triq oħra ħlief li jwaqqfu mix-xogħol.

L-inkwiet żdied, l-ispejjeż kibru għax bil-benefiċċji soċjali biss kien diffiċli li jkompli jħallas il-kera u jgħajjex familja. Joseph beda dieħel dejjem iżjed f'dipressjoni, kien joħroġ minn kmieni għall-każin u ma kienx jersaq lejn id-dar qabel tard bil-lejl jew qabel ma jwasslu xi ħadd li jkun jafu. Grace mhux darba u tnejn hedditu li titilqu jekk ma kienx se jagħmel xi ħaġa dwar il-problema li kienet ħakmitu, iżda fil-fond ta' qalbha xtaqet biss li tbeżżgħu forsi jiġi f'tiegħu.

Joseph beda jmur lura minn saħħtu, beda jiekol qisu għasfur tal-bejt u filgħodu kien iqum dritt għall-flixkun tal-inbid biex jikkalma r-rogħda li kienet taħkmu. Ġismu sar dipendenti fuq ix-xorb iżda hu baqa' jsostni li ma kellux problema u li seta' jieqaf meta jrid.

**L-ewwel pass - it-talba għall-għajnuna**

Grace sabet il-kuraġġ li titlob għall-għajnuna. Ċemplet Supportline 179, il-*helpline* tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, u rreferewha lejn l-Aġenzija Sedqa, fejn sarilha appuntament biex tiltaqa' ma' *social worker* mill-*Alcohol Community Team* tal-Aġenzija. Meta Grace iltaqgħet ma' membru minn dan is-servizz għall-ewwel darba u spjegatlu s-sitwazzjoni, dan għenha b'mod li d-darba ta' wara mar magħha Joseph, avolja dan sar wara ħafna tentattivi, telefonati u sapport lil Grace. Joseph ammetta li ma kienx qed iħossu sew fiżikament u aċċetta li jeżaminah tabib ta' Sedqa li wkoll ordnalu biex jagħmel xi testijiet tad-demm. Sar ukoll ftehim biex Joseph jidħol ftit ġranet ġo Dar l-Impenn, dar li għandha l-

Aġenzija Sedqa fejn wieħed jitnaddaf mid-droga jew ix-xorb taħt sorveljanza ta' tobba u infermiera.

Waqt li Joseph kien hemm, is-*social worker* li kien qed isegwi lilu u lil Grace mar iżuru ta' spiss. Wara tlett ijiem li daħal Dar l-Impenn, Joseph kien diġà beda jirkupra saħħtu. Hemmhekk sab infermiera u pazjenti oħrajn li bdew jiftħulu għajnejh fuq il-konsegwenzi li jġib miegħu x-xorb. Flimkien mas-*social worker* mill-*Alcohol Community Team*, ħajruh jibda' jmur għall-gruppi ta' sapport li jsiru Dar Żerniq, il-programm residenzjali għal persuni bil-problema tax-xorb immexxi mill-Aġenzija Sedqa. L-ewwel darba li attenda fil-grupp, Joseph ma pparteċipax iżda t-tieni darba ħassu aktar komdu u ħa sehem. Qasam l-esperjenza tiegħu ma' min kien preżenti u wara qal li ħassu aħjar għax ħassu mifhum.

**Tama ġdida – sfidi ġodda**

Wara li ħareġ minn Dar l-Impenn, Joseph ħassu mfejjaq u waqaf jattendi l-gruppi ta' sapport u waqqaf ukoll il-kuntatt mas-*social worker* li kien qed isegwi l-każ tiegħu. Minkejja r-rieda tajba li ma jerġax jixrob, Joseph ma damx ma reġa' qabad jixrob ta' kuljum. Peress li kien ilu jwiegħed lil ta' madwaru li ma kienx ħa jerġa jixrob, it-tisbita u s-sens ta' falliment li ħass kienu ferm akbar. Wara ftit ġimgħat feġġew problemi ta' saħħa oħra, li wassluh biex jagħmel żmien l-isptar. It-tobba qalulu li bil-kumplikazzjonijiet li kellu anke fil-fwied minħabba x-xorb, jekk kien ħa jerġa jixrob seta' jibqa sejjer id-dinja l-oħra.

Fiż-żmien li għamel l-isptar, is-*social worker* ta' Sedqa żamm kuntatt miegħu u ma' Grace. Grace kellha bżonn aktar għajnuna wkoll u f'dan l-istadju psikologu minn Sedqa beda jsegwiha biex tkun tista' tingħata s-sapport meħtieġ hi wkoll. Joseph ngħata anke s-servizz ta' psikjatra ħalli jkun qed jirċievi servizz komplut skont in-neċessità tal-każ tiegħu u kull bżonn ikun milħuq. Wara ħafna xogħol minn dawn il-professjonisti differenti kollha flimkien, Joseph aċċetta li jidħol bħala resident f'Dar Żerniq. Hemm sab jilqgħuh ir-residenti li ftit xhur qabel kien iltaqa' magħhom waqt il-gruppi. Fil-bidu kien ibati biex iqum filgħodu u ma kienx jifhem ukoll l-iskop li jqaxxar il-leħja, jagħmel is-sodda u jistaqsi għall-permess qabel jagħmel xi ħaġa – affarijiet li jidhru normali u bażiċi għal persuna li ma tkunx tilfet is-sens ta' rutina, dixxiplina f'ħajjitha u li d-droga jew alkoħol ma tkunx il-prijorità f'ħajjithom. Madanakollu, bis-saħħa tal-*care workers* kif ukoll tal-persuna li tmexxi l-programm li bdiet issegwih b'mod individwali, Joseph reġa' beda jiskopri s-sens u s-sabiħ fil-ħajja sempliċi ta' kuljum – affarijiet li ma kienx baqa' japprezza minħabba x-xorb.

Saħħtu reġgħet bdiet ġejja 'l quddiem, ir-rogħda telqet għal kollox u l-aptit għall-ikel reġa beda ġej. L-ewwel ftit ġimgħat tal-programm f'Dar Żerniq jirrikjedu li resident ġdid ma jkunx jista' joħroġ mid-dar, imma jista' jċempel lill-familja tiegħu kuljum, u jirċievi żjarat mill-qraba s-Sibt u l-Ħadd. Wara dan il-perjodu, Joseph applika għall-ewwel ftit siegħat *leave* tiegħu. Kien ħerqan immens li joħroġ, mhux għax ġewwa Dar Żerniq kien iħossu magħluq, iżda xtaq jittestja lilu nnifsu fuq barra. Is-siegħat li talab ippjanahom minn qabel u ftiehem ma' Grace li tiġi għalih u jmorru jieklu xi mkien.

L-ewwel *leave* tiegħu ma kienx kif ħaseb li ħa jkun u sabha ferm aktar iebsa milli stenna biex imur jieħu pizza mingħajr ma jordna pinta birra magħha. Il-fatt li fuq il-mejda kien hemm biss ilma u luminati, għenitu jegħleb it-tentazzjoni, għalkemm għajnejh bdew jiflu kull mejda li kien kemm madwaru. Joseph stess irrealizza li kien għadu kmieni wisq għalih u beda jkun aktar attent kif jippjana l-ħruġ tiegħu.

**Lura fis-soċjetà**

Matul il-perjodu tiegħu f'Dar Żerniq, Joseph ibbenefika minn servizz ta' psikologu li toffri l-Aġenzija Sedqa, filwaqt li flimkien ma' Grace, beda jattendi wkoll għal terapija tal-familja bħala koppja, servizz ieħor offrut mill-Aġenzija. Il-professjonisti involuti – *social worker*, tabib, psikologu, terapista tal-familja, psikjatra, *community workers* – kienu jiltaqgħu b'mod regolari

bejniethom biex jiddiskutu l-progress tal-koppja u għalhekk is-servizz provdut minn Sedqa seta' jkun aktar komplut. Dan apparti l-attenzjoni mit-tabib u/jew psikjatra skont il-bżonn. Wara madwar ħdax-il xahar fil-programm, Joseph kien stabbli u f'rutina.

Fl-aħħar xahar Joseph kien jorqod lejl wieħed biss ġewwa Dar Żerniq u l-kumplament kien ikun id-dar. Sar ħafna xogħol ma' Joseph biex isib impieg u jtejjeb il-kapaċitajiet li kellu.

L-aħħar ġimgħa tal-programm ġewwa Żerniq serviet bħala jiem ta' riflessjoni għal Joseph; qagħad il-ġimgħa kollha biex jirrifletti fuq il-bidla li saret fih matul dik l-aħħar sena u seta' jagħraf l-affarijiet li jrid joqgħod attent minnhom u li jrid jevita. Fl-aħħar ġurnata, Joseph rċieva ċertifikat ta' awgurju kif ukoll qsamna kejk fil-ħin tat-te qabel telaq.

Għaddew 6 xhur minn meta spiċċa l-programm u Joseph għadu jżomm l-appuntamenti mas-*social worker* u mal-psikologu minn Sedqa. Qed jattendi wkoll żewġ gruppi ta' sapport fil-ġimgħa flimkien ma' martu Grace. Il-persuna li qed isegwih mill-Aġenzija Sedqa għenitu wkoll biex jinvolvi ruħu f'xogħol volontarju fil-komunità.

Nies bħal Joseph niltaqgħu spiss magħhom fix-xogħol tagħna. Ħafna jdumu s-snin biex ifittxu u jaċċettaw l-għajnuna tant li l-maġġoranza ta' min jirrikorri għas-servizzi jkollhom medja ta' madwar ħamsin sena. Fattur li nemmen li jikontribwixxi għal dan huwa l-fatt li x-xorb alkoħoliku huwa parti mill-kultura tal-poplu Malti u għaldaqstant, imdorrijin bl-inbid fuq il-mejda minn tfulitna u ma nirrealizzawx fil-ħin meta nkunu qed inżidu r-riskju li nsiru dipendenti fuq ix-xorb. Hemm nies li jfittxu s-servizzi tagħna meta jsibu ruħhom weħidhom għax kulħadd ikun qata' qalbu minnhom, jew għax ikunu fetħu xi każ il-Qorti, kif ukoll dawk li jkollhom tbeżbiża mill-familja biex jieħdu l-għajnuna.

Dar Żerniq huwa programm immexxi mill-Aġenzija Sedqa għal min għandu problema ta' abbuż tal-alkoħol. Id-dar tesa' madwar ħdax-il persuna f'daqqa, li lkoll flimkien jgħixu bħala komunità u jaqsmu r-responsabbiltajiet bejniethom biex kulħadd jkollu l-opportunità li jitgħallem isajjar, jieħu ħsieb il-ġnien, l-*istores*, ix-xiri, il-ħasil tal-ħwejjeġ u l-manutenzjoni tad-dar kif ukoll il-kura tal-pjanti, għasafar, qtates u l-ġerwa li addottajna ftit ilu. Kulħadd jagħti sehmu u nippruvaw dejjem inwasslu messaġġ li ġewwa Dar Żerniq, għalkemm hemm id-dixxiplina u ħajja strutturata, hemm fuq kollox għaqda u sens ta' familja.

**Persuni li għandhom problema ta' abbuż ta' alkoħol jistgħu jirreferu għand l-Aġenzija Sedqa għall-għajnuna billi jċemplu Supportline 179 jew lis-Servizzi tal-Alkoħol (*Alcohol Community Services*) fuq 2388 5110. Aktar informazzjoni dwar l-Aġenzija Sedqa u s-servizzi li toffri tista' tinkiseb mis-sit www.sedqa.gov.mt.**

**L-Aġenzija Sedqa hi parti mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali li tinkorpora wkoll lill-Aġenzija Appoġġ (www.appogg.gov.mt) u l-Aġenzija Sapport (www.sapport.gov.mt).**

**Ms. Jacqueline Zammit**
**Team Leader, Dar Żerniq**
**Aġenzija Sedqa**